# Il-Professur Nikola Zammit (1815 - 1899)



*Dun Nikol Aquilina*

Żgur illi waħda mill-isbaħ toroq li jżejnu s-Siġġiewi hija dik iddedikata lill-Professur Nikola Zammit MD. Eżatt f'nofsha nsibu monument lil dan il-personaġġ li tant għamel ġieħ lil raħal twelidu. Nikol, li kien ġej minn familja fqira mlaqqma Ta' Nieża, twieled fl-20 ta' Novembru 1815 (mitejn sena ilu), bin Ġanni Zammit u Vinċenza Vella. Studja fis-Seminarju tal-Imdina (fejn illum hemm il-Mużew tal-Katidral) u mbagħad fl-Università ta' Malta minn fejn kiseb il-lawrja ta' tabib.

Barra interess u ħila fil-mediċina, it-Tabib Zammit kellu xeħta qawwija għal-letteratura, l-arti u l-filosofija. Nafu li fl-1845 it-Tabib ħalla s-Siġġiewi u mar joqgħod il-Belt fejn ikkoltiva sewwa l-ħila letterarja tiegħu. Hekk insibuh jippubblika għadd ta' xogħlijiet: La Rivista, L' Arte, La Fenice, La Fiammetta. Kien ukoll jikteb fil-gazzetta 'Il Portafoglio Maltese'. Bla dubju l-aqwa xogħol letterarju/filosofiku tiegħu jibqa' 'Pensieri di un retrogrado'.




It-Tabib Zammit studja l-problema tan-nuqqas ta' ilma f'Malta u fl-1880 ippropona ċerti soluzzjonijiet lill-Gvern.

Zammit kien magħruf għall-ħila tiegħu bħala disinjatur u arkitett (għalkemm ma kienx lawrjat f'dan il-qasam tal-periti). Infatti nafu li hu kien iddisinja n-navi laterali, il-faċċata u l-portiku tal-knisja tagħna, il-faċċata ta' San Pawl Nawfragu (Valletta), ta' Santa Katerina (Iż-Żurrieq) u ta' San Publiju (Il-Furjana). Ma' dawn nistgħu nżidu għadd kbir ta' disinni ta' pavimenti ta' knejjes, tużelli għal fuq l-artali, stemmi ta' ismijiet ta' bliet u rħula kif ukoll ta' familji.

Meta kellu sittin sena, it-Tabib Zammit inħatar Professur tal-Filosofija fl-Università Rjali ta' Malta. F'din il-kariga kien maħbub mill-istudenti tiegħu u għalkemm kien iħaddan ideat liberali, qatt ma tbiegħed mil-linja Tomista ta' dak iż-żmien.

B'rikonoxximent lejn l-imħabba li l-Professur Zammit dejjem kellu lejn raħal twelidu u b'turija ta' apprezzament lejn il-ġenju wiesa' tiegħu, l-Għaqda Kulturali Siġġiewi, b'ħidma u b'sagrifiċċji mhux żgħar, irnexxielha twaqqaf l-ewwel monument fir-raħal tagħna. Dan il-monument, maħdum mill-iskultur Ġanni Bonnici, inkixef nhar is-Sibt 4 ta' Ġunju 1977 mill-Eċċellenza tiegħu Dr Anton Buttigieg, President ta' Malta, u mbierek mill-Eċċellenza tiegħu Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof Emeritu ta' Malta.






**Bilqiegħda (mix-xellug):**
Il-Poeta Karmenu Vassallo, Toni Mifsud (Segretarju), Dr Kalċidon Zammit M.D. (President), Dun Nikol Aquilina (Viċi-President), Rosalie Chetcuti (Teżoriera).

**Bilwieqfa (mix-xellug):**
George Pace, Georgina Camilleri, Pawlu Aquilina, Carmen Zammit, Nikola Baldacchino.

Carmen Borg, Joe Bonello u Gregory Schembri mhumiex fir-ritratt, imma kienu membri fil-kumitat.



*Il-kumitat tal-Għaqda Kulturali Siġġiewi li ħadem qatigħ biex jitwaqqaf monument f'ġieħ It-Tabib Zammit.*

# XI KURŻITAJIET DWAR IL-PROFESSUR NIKOLA ZAMMIT

- Il-Professur Nikola Zammit huwa meqjus bħala l-fundatur tal-Każin tal-Banda 'San Nikola' meta fl-1883, flimkien ma' xi rġiel oħra Siġġiwin, waqqaf is-Soċjetà Filarmonika 'Nicolina'.
- Miet id-dar tiegħu fid-29 ta' Lulju 1899, fl-età ta' 83 sena. Il-funeral tiegħu beda minn Tas-Sliema u spiċċa s-Siġġiewi, raħal twelidu, fejn indifen fil-knisja, jingħad taħt l-aħħar kwadru tal-Via Sagra.
- Kellu ħuh saċerdot - Dun Ġużepp Zammit, magħruf bħala Dun Pepp.



*Il-Professur Nikola Zammit*



*Dun Ġużepp Zammit, ħu l-Professur Nikola Zammit*